MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 51/2008

**Mobisle Communications Ltd (C 24655)**

**-vs-**

**Marco Cassar**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u erbghin euro u tnejn u sebghin centezmu (€840.72c) - (Lm360.92c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contact Number 1007206 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn Mejju 2006 u Mejju 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 t'Ottubru, 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u erbghin euro u tnejn u sebghin centezmu (€840.72c) - (Lm360.92c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------